MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 31/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alfred Medina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 227868(M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Frar 2010 u April 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Rose Marie Roach u/jew lil ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15- il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata u dan billi, tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skond dawk il-provvidimenti lil-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda apprezzament tal-fatti u dan kif jirrizultaw minn xhieda prodotti quddiemha mill-partijiet. Bhala stat ta' fatt, l-appellant matul dawn ix-xhur u xhur ohra f'din is-sena, effettivament mantna lill-uliedu huwa personalment u dan peress li kien jiehu hsieb taghhom hu.

Illi tali manteniment sehh da parti tieghu billi martu telqet minn Malta diversi drabi, dejjem ad insaputa tieghu u halliet lill-uliedhom ghal riehom. Dan qed jinghad billi kif jirrizulta mix-xhieda, t-tfal meta jmorru d-dar u ma kienux isibu lil ommhom, kienu jmorru jieklu, jinhaslu u jaghmlu dak kollu li jkun hemm bzonn ghand missierhom. Kineu jmorru lura id-dar t'ommhom biex jorqdu biss.

Dan kien isehh meta l-omm effettivament tkun qabdet u telqet lejn il-Libja mal- partner taghha u ghalhekk l-obbligu tal-manteniment da parti tar-ragel kien qieghed jigi onorat b'mod dirett.

Ghalkemm jinghad minn martu li l-minuri kienu fil-kura u kustodja ta' ohthom (half sister) irid jigi emfasizzat, (kif del resto jirrizulta mix-xhieda) li dina tahdem bix-shift u ma tkunx id-dar regolarment.

Illi ghalhekk galadarba missierhom kien qed jiehu kura tal-minuri fl-assenza ta' ommhom, il-missier ma kisirx il-provvidimenti tal-kodici penali u cioe` l-obbligu li jmantni lill-uliedu.

2. Illi l-Ewwel Qorti interpretat verbatim il-kuntratt ta' separazzjoni u mhux l-ispirtu tieghu u cioe` li l-manteniment irid jinghata lill-mara u mhux li l-manteniment huwa dovut versu l-ulied. Illi galadarba il-patt mal-omm kien li l-missier jivversa manteniment ghall-ulied, meta dawn kienu fil-kura taghha, u fiz-zmien in kwistjoni, l-ulied ma kienux fil-kura tal-omm izda tal-missier u cioe` l-appellant, ghalhekk il-patt tal-kuntratt ma jorbotx.

3. Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-piena hija wahda eccessiva.
Illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa u dejjem onora l-obbligi minnu assunti in rigward l-ulied u ghalhekk fil-kaz odjern l-appellant ma jimmeritax piena karcerarja effettiva imma pieni aktar miti u li tirrifletti c-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Ikkonsidrat

Il-Qorti semgħet tliet xhieda fis-seduta ta' nhar it-18 t'Ottubru, 2011.

Minn dawn ix-xhieda jirriżulta dan li ġej:

(a) Rosemary Roach, li xehdet dwar tliet ċitazzjonijjet f'daqqa, qalet li li r-raġel tagħha ma kienx taha manteniment la f'Ottubru tas-sena 2010, la fi Frar u April tas-sena 2010 u lanqas f'Novembru u Diċembru tas-sena 2010.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-aħħar ċekk li kienet irċeviet kien f'April met kien hemm l-aħħar każ. Kien ta ċekk ta' 200 Euro u qatgħathom minn dak li kellha pendenti. Qalet ukoll li fiż-żmien li kien hemm pending kienu jgħixu magħha iżda qablet li kienet tagħmel ħafna żmien

imsiefra. Meta kienet tkun imsiefra kienu jkunu mat-tifla l-kbira jew ma' missierhom. Hi kienet ħallitilhom il-flus u t-tifel kien imur il-ħanut. Hija qalet li (l-appellant) kien jikkontribwixxi lit-tfal. Hija qablet li effettivament dawk il-mitejn Ewro kien xorta jonfoqhom ir-raġel fuq it-tfal fl-assenza tagħha iżda hi xorta kienet ħarġet il-flus għat-tfal. Imbagħad żiedet tgħid li dak li kien jagħtihom ma kienx jilħaq il-mitejn Ewro dovuti kull xahar.

(b) L-appellant innifsu Alfred Medina. Dan xehed li t-tfal dejjem kienu jmorru għandu għax bla flus. Kien jwaqqfuh in-nies għax marret tixtri ż-żraben u ma ħallsithomx. Huwa jaħseb li ġieli tahom aktar mill-mitejn Ewro u ġieli tahom anqas li kienu dovuti li jingħataw. Malli Rosemary Raoch kienet taqbad ic-children's llowance, kienet taqbad u tmur bihom il-Libja. It-tfal kienu jorqdu waħidhom u jidħlu jieħu xi affarijiet mill-ħwienet għax ma jkollhomx flus. Fl-assenza tagħha huwa kien jagħtihom il-flus. Illum it-tfal joqogħdu miegħu. Fil-kontro-eżami, l-appellant qal li lill-mara kienx għaddilha l-flus matul ix-xhur in kwistjoni iżda lit-tfal kien tahom flus billi kien jixtrilhom l-ikel u xi affarijiet li kellhom bżonn.

(ċ) Xehed ukoll Silvan Medina li qal li fix-xhur imsemmija kin joqgħod m'ommu li kienet tagħmel xaha rimsiefra u xahar le. Meta kienet tkun imsiefra , missieru kien iħallas għall-affarijiet. Fix-xhur imsemmija l-missier kien għaddhielhom xi flus. Kien jagħtih tliet Ewros kull jum u meta jmur il-bandli kien jagħtih erbgħa u s-Sibt jagħtihom twenty. Huwa kien jixtrilhom xi affarijiet bħalma huma ħwejjeġ. Fil-kontro-eżami huwa ma setax jiftakar meta missieru kien ikun imsiefer jew le.

Il-kwerela tirriżulta mill-current incident report u mill-affidavit ta' PC 393 S.Chetcuti.

Ir-rapport lill-Pulizija kien sar minn Rosemarie Roach. L-appellant kien għarraf lill-Pulizija li kien qed jieħu ħsieb it-tfal. Kien mistoqsi wkoll jekk għamilx rikors fil-Qorti biex ikun emendat id-digriet, huwa wieġeb fin-negattiv.

Skont il-kuntratt ta'separazzjoni personali datat 2 ta' Settembru 2009:

'Ir-raġel biss jintrabat illi jħallas lill-mara manteniment għal uliedom, cioe' Jessica u Silvan, aħwa Medina, liema manteniment konġuntament jammonta għal mitejn Ewro fix-xahar liema ħlas irid sir sakemm l-imsemmija ulied jibqgħu minuri……L-imsemmi manteniment jogħla skont l-indiċi tal-ħajja pprubblikat kull sena ai termini tal-Kap 158.'

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.

Mix-xhieda mismugħa jirriżulta li l-appellant ta xi flus lill uliedu kif ukoll għenhom billi kien jixtrilhom xi affarijiet li kienu jinħtieġu. Biss skont il-kuntratt li diġa' saret referenza għalih, il-ħlas tal-manteniment kellu jsir lill-mara ukoll jekk dan il-manteniment kien intiż għall-ulied. Ma jidhirx li l-Ewwel Qorti għamlet xi apprezzament ħażin tal-fatti. Għalhekk mhix tilqa' l-aggravji tal-appellant.

Wara li għarblet ix-xhieda bil-għaqal, il-Qorti mhix qed tara raġuni għala m'għandhiex taqbel mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – jiġifieri l-appellant naqas li jimxi mal-kuntratt u jagħti l-manteniment lill-omm. Iżda min-naħa l-oħra, fiċ-ċirkostanzi kif irriżultaw mix-xhieda, jidher li għandu jkun hemm temperament fil-piena.

Għaldaqstant qed tirriforma s-sentenza mogħtija fis-17 ta' Jannar, 2011 u li hija l-bażi tal-appell numru 31/11 billi tikkonfermha fejn sabet ħtija u billi tvarja fejn ikkundannat lill-appellant għall-ġimgħa detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas amenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------